

32006D0471

L 187/32

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

8.7.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-27 ta' Ġunju 2006

li tadatta l-benefiċċji previsti fid-Deċiżjoni 2003/479/KE fir-rigward tar-reġim applikabbli għall-esperti u persunal militari nazzjonali sekondati lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

(2006/471/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2003/479/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 15(7) tad-Deċiżjoni 2003/479/KE jipprevedi li l-benefiċċji ta' kuljum u ta' kull xahar mogħtija lil esperti u persunal militari nazzjonali sekondati lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jiġu adattati kull sena, mingħajr effett retroattiv, abbażi ta' l-adattament tas-salarji bażiċi ta' l-uffiċjali tal-Komunità fi Brussel u fil-Lussemburgu.
- (2) L-aħħar adattament ta' dawn il-benefiċċji kien previst fid-Deċiżjoni 2005/442/KE u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2005.
- (3) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2104/2005 ta' l-20 ta' Diċembru 2005 li jadatta, mill-1 ta' Lulju 2005, ir-remunerazzjonijiet u l-pensjonijiet ta' l-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej kif ukoll il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni applikabbli għal dawn ir-remunerazzjonijiet u pensjonijiet ⁽²⁾, il-Kunsill ippreveda adattament ta' 2,2 % tar-remunerazzjonijiet u pensjonijiet ta' l-uffiċjali tal-Komunità,

Artikolu 1

1. Fl-Artikolu 15(1) tad-Deċiżjoni 2003/479/KE l-ammonti ta' EUR 28,16 u ta' EUR 112,61 għandhom jiġu sostitwiti rispettivament b'dawk ta' EUR 28,78 u ta' EUR 115,09.
2. Fl-Artikolu 15(2), it-tabella għandha tiġi sostitwita b'din li ġejja:

"Distanza bejn il-post ta' reklutaġġ u l-post ta' ssekondar (f'km)	Ammont f'EUR
0-150	0
> 150	73,98
> 300	131,52
> 500	213,73
> 800	345,26
>1 300	542,55
>2 000	649,43".

3. Fl-Artikolu 15(4), l-ammont ta' EUR 28,16 għandu jiġi sostitwit b'dak ta' EUR 28,78.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara dak ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Lussemburgu, 27 ta' Ġunju 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. PRÖLL

⁽¹⁾ ĠU L 160, 28.6.2003, p. 72. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2005/442/PESK (ĠU L 153, 16.6.2005, p. 32).

⁽²⁾ ĠU L 337, 22.12.2005, p. 7.